

# Il-Ħafur

*miktub mis-Sur Ġanni Camilleri*

Il-Ħafur jikber fil-Gżejjer Maltin kullimkien. Jixbaħ lix-xitla tal-qamħ iżda l-ħafur jikber selvaġġ. (Ara fig.i) Il-ħafur jinbet kważi ma' l-ewwl xita u jista' jitwal daqs metro u nofs, meta jsib art tajba. Fir-rebbiegħa jibda jwarrad u bejn Mejju u Ġunju jibda jinxef, iżerra' u ż-żerriegħa titajjat mar-riħ biex tinbet f'postijiet oħra fis-snin ta' wara.

L-isem botaniku tal-ħafur huwa **Avena** kelma bil-Latin li tfisser propju ħafur, *oats* bl-ingliż. Hawn ħafna varjetajiet ta' ħafur u għaldaqstant, biex jiddistingwuhom minn xulxin, iżidu kelma wara Avena. Kollha ġejjin minn speċi waħda jisimha **Poaceae.**

Il-kwalita ta' ħafur li jinsab fil-Gżejjer Maltin huwa: l-***Avena sterilis*** jew L-*Animated Oats*, jew il-Ħafur il-Kbir, u l-***Avena barbata***, jew il-Ħafur iż-Żgħir. (1).

Bħal ħafna ħaxix selvaġġ ieħor, ix-xitla tal-ħafur tniżżel l-għeruq fil-fond tal-ħamrija u għaldaqstant tirrendi l-art xotta u tkidd ħaxix ieħor tajjeb li jkun hemm madwar. Is-sigar tal-frott żgur li ma jeħdux gost imdawrin bil-ħafur!

Sa ftit tas-snin ilu, il-ħafur kien jinħasad u jingħata bħala għalf lill-bhejjem. Iżda llum rari jinħasad għaliex lill-bhejjem jagħtuhom għalf bilanċjat. Hemm imbagħad speċi ta' ħafur li jikber barra minn Malta li jiġi pproċessat u jinbiegħ u din l-ispeċi hija tajba biex tniżżel il-livell tal-kolesterol. Hawn nixtieq nikteb biss dwar iż-żerriegħa tal-ħafur u kif din tiġi ppropagata.

Fi tfulitna konna noqogħodu nimbxu lil xulxin bih. Nisiltuh minn maz-zokk u nitfgħuh lil xulxin biex narawh imwaħħal mal-ħwejjeġ. Billi waqt il-mixi jew il-ġiri li konna niġġerrew, kien jidħol 'l ġewwa, konna wara nħossuh skomdu, għax jibda jniggeż. Għalhekk kien ikollna rridu noqogħdu nneħħuh waħda waħda minn mal-ħwejjeġ.

Jekk inħarsu sewwa lejn din iż-żerriegħa, li aħna fil-Mellieħa konna nsejħulha *nixxufa*, (forsi xi korruzzjonità *nixxiefa*), naraw (Ara fig.ii) li meta tkun għadha blanzun, tkun biċċa waħda jew fisdqa. Iżda meta, kif għidna, fir-rebbiegħa tibda tinxef, il-blanzun jinfetaħ fi tnejn. (Ara fig.iii) Ġewwa dan il-blanzun naraw li hemm iż-żerriegħa li hi mdawra b'suf irqiq magħha kemmxejn iebes, u li jġenneb 'l barra. (Ara fig.iv) Iż-żerriegħa hi mwaħħla ma' zokk irqiq milwi minn nofs, qisu sieq ta' ġurat. (Ara fig.iii) Jekk ninnotaw sewwa, dan iz-zokk irqiq hu mibrum fuqu nnifsu mill-parti tan-nofs 'l isfel u mill-parti l-oħra ta' fuq mhix. Issa ħalli naraw għaliex dan kollu, u naraw kemm Alla ħalaq ħlejjaq u tahom il-fakultà meraviljuża biex inisslu oħrajn bħalhom mingħajr l-intervent tal-bniedem.

Meta n-nixxufa jew iż-żerriegħa tiġi mtajra bir-riħ u taqa' fl-art, din tistenna ż-żmien tax-xita biex titla. Iżda qabel dan trid tgħaddi minn proċess ieħor. Għax bħalma nsibu fl-iskittura, li jekk il-qamħa ma tintradamx fil-ħamrija u tmut, din ma tagħmilx frott, l-istess jiġri li din iż-żeriegħa, li tixbaħ ħafna lil qamħa. Mingħajr ebda ntervent minn naħa tal-bniedem, din iż-żerriegħa għandha l-fakultà li tintradam weħedha. U dan isir b'dan il-mod:

Meta tibda dieħla l-ħarifa, it-temp jibda jkun umdu, wara l-ġranet sħan tas-sajf. Iż-żerriegħa tal-ħafur tkun hemm fl-art esposta għal umdità. Għidna li ż-żerriegħa hija mwaħħla ma' zokk irqiq, li kif



Fig i.



Fig ii.



Fig iii.



Fig iv.

semmejna, għandu l-parti t'isfel mibruma u dik ta' fuq mhix. Issa meta dak iz-zokk irqiq iħoss l-umdità, jibda jdur fuqu nnifsu bħal minutiera ta' l-arloġġ u fl-istess direzzjoni, (*clockwise*). Billi dan iz-zokk, kif spjegajt, hu milwi minn nifsu, jiġri l-parti l-oħra li mhix mibruma, tibda ddur u tibda ċċaqlaq iż-żerriegħa li tkun imwaħħla man-naħa t'isfel tiegħu.

Iż-żerriegħa, kif għidna, hija mdawra b'dak is-suf irqiq ileqq u kemmxejn iebes u dan iservi biex ma' kull ċaqliqa li tagħmel iż-żerriegħa dan iġiegħel liż-żerriegħa tinżel 'l isfel fl-art fejn tkun. Jekk tkun fuq wiċċ ħamrija jew trab, wisq aħjar, għax ikun aktar faċli biex iż-żerriegħa tintradam. Kull meta iż-żerriegħa tiċċaqlaq, din tmur dejjem direzzjoni waħda u dan għaliex dak is-suf li għandha magħha hu mġenneb, jiġifieri ma jħallihiex tmur bil-kontra; dejjem direzzjoni waħda, u f'dal-każ 'l isfel fil-ħamrija.

Issa meta l-ġurnata tkun xotta,dak iz-zokk mibrum jibda jixxotta wkoll, bil-konsegwenza li jibda jdur bil-kontra, (ie *anticlockwise*). Issa b'daqshekk ma jfissirx li ż-żerriegħa se terġa toħroġ mill-ħamrija. Kif spegajna, din ma kull ċaqliqa dejjem timbotta ż-żerriegħa direzzjoni waħda, 'l isfel fil-ħamrija. Dan il-proċess ta' dawrien idum sejjer sakemm iż-żerriegħa tidħol kompletament fil-ħamrija u tkun lesta biex ma' l-ewwel xita tinbet. Naturalment, ħafna miż-żerriegħa tal-ħafur imur band'oħra fejn ma jkollux il-kondizzjoni tajba biex jintradam, u jmut.

Din il-fakultà ta' din iż-żerriegħa tal-ħafur li ddur fuqha nnifisha meta tħoss l-umdità jew l-arja xotta, wassal biex dilettanti tat-temp, bħal ma kont jien, ivvintaw bħal speċi ta' strument li jimmarka l-umdità. Strument bħal dan jissejjaħ hygrometer, jiġifieri strument li juri l-livell ta' l-umdità. Din il-kelma ġejja minn żewġ kelmiet bil-grieg klassiku li huma: '*oypoo*', li tfisser niedi, *wet, moist* u ------, li tfisser *measure*, kejl.

Biex wieħed jagħmel strument bħal dan, ikollu bżonn dawn l-oġġetti:

1 Il-parti mibruma taz-zokk, li tkun bejn wieħed u ieħor ċentimetru tul.
2 Biċċa minn gomma li tħassar.
3 Kartun abjad.
4 Kumpass.
5 Għatu ta' xi flixkun jew bott, daqs ta' 6-8cm diameter. (tal-plastic ideali)
6 Kolla jew superglue.
7 Ball pen (biro) sewda, biex timmarka mill-1 sal 10.

## Metodu

1 Aqta' l-biċċa tal-parti mibruma (1cm jew anqas) b'imqass. (Fig.A)
2 Aqta' biċċa gomma, daqs 1cm sq. u b'labbra tal-ħjata, taqqabha minn nofs u erġa' neħħi l-labbra. (Fig.B)
3 Deffes il-biċċa zokk tal-parti mibruma fil-gomma minfejn taqqabtha u ħalli daqs nofsha barra. (Fig.B)
4 Issa sib iċ-ċentru ta' l-għatu u bil-kumpass agħmel ċirku kemxejn iżgħar minnu. L-aħjar li l-għatu tiksih b'biċċa karta bajda biex iċ-ċrieki jiġu jidhru. (Fig.Ċ)
5 Issa wessa' ftit it-toqba li għamilt fin-nofs bix iz-zokk tal-parti mibruma jkun jista jidħol mingħajr xkiel.
6 Issa waħħal il-gomma (biz-zokk in-naħa tal-faċċata) bil-kolla jew superglue. Hawn trid toqgħod ħafna attent li ma ċċappasx il-parti taz-zokk il-mibruma! Ħalliha tinxef sew iċċentrata fit-toqba. (Fig.D)
7 Meta tinxef sew, aqta' biċċa kartuna rqiqa u agħmilha forma ta' minutiera u wara li ttaqqabha qisu 1cm 'l fuq minn tarf minnha, waħħalha maz-zokk li ħriġt miċ-ċentru. Agħmel kemmxejn superglue fin-nofs u żomm il-minutiera dritta u 90grad minn maz-zokk. Is-superglue ma jdumx ma jinxef.

Dak hu l-metodu kollu. Issa jkun fadal biss biex wieħed jikkalbrah ma' xi strument tajjeb. Illum hawn ħafna diġitali. Ħalli daqs ġurnata tgħaddi qabel ma tikteb xi numru bejn iċ-ċrieki. Dan biex wieħed jagħti ċans liz-zokk, jadatta ruħu mill-ġdid għall-ambjent...

***Nota.*** Irrid ngħid hawn li dan l-istrument hu wieħed bażiku. Hu esperiment sempliċi li juri biss indikazjoni tal-livell ta' l-umdità u ma jipparagunax ruħu ma' strumenti oħra aktar sofistikati, bħal dawk elettroniċi li hawn illum fis-suq. Iżda jkun biżżejjed biex jagħtik indikazzjoni jekk l-umdità fl-arja tkunx għoliet jew tbaxxiet minn ġurnata għal oħra.

Nispera li jkollkom suċċess f'dan il-proġett, u filwaqt li nispera li ħadtu gost taqraw dan l-artiklu, nixtieq lil kulħadd il-Festa t-Tajba, b'mod partikulari lill-emigranti li ġew biex igawdu l-Vitorja magħna.



Fig A.



Fig B.


Fig Ċ.


Fig D.